MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Rikors Numru. 74/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:
Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-esponenti zzewwget lil Michael Cachia fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002);

Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni hawn  anness u mmarkat bhala Dok. B.

Illi l-partijiet ghalkemm isseparaw *de jure* fit-12 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disa` (2009), ilhom ghal iktar minn erba' snin *de facto* separati u dan peress li l-esponenti telqet mid-dar matrimonjali f'Jannar tas-sena 2009;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Illi llum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi fil-klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni immarkat hawnhekk bhala Dok. B il-partijiet qablu s-segwenti: "Il-partijiet qeghdin presenzjalment jiddikjaraw li kull parti qeghda tirrinunzja ghall-hlas ta' manteniment minghand il-parti l-ohra u dana peress li kull parti ghandha impjieg fiss.";

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet illi l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg u cioe` d-divorzju bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar, 2013;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet isseparaw legalment fit-12 ta’ Ottubru 2009, izda ilhom ghal aktar minn erba’ (4) snin de facto separati peress illi ir-rikorrenti telqet mid-dar matrimonjali f’Jannar tas-sena 2009;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi l-partijiet kienu irrinunzjaw ghad-dritt illi jircievu, jew ihallsu manteniment fil-kuntratt ta’ separazzjoni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------